# Politika ta' Privatezza

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# POLITIKA TA' PRIVATEZZA

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva

# WERREJ

**POLITIKA TA' PRIVATEZZA TAL-AĠENZIJA 3**

Il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* personali 3

Id-drittijiet tiegħek 4

L-obbligi tiegħek 5

Tipi ta' *data* personali li l-Aġenzija tista' żżomm 5

Il-ġbir tad-*data* personali tiegħek 6

L-iskopijiet ta' pproċessar tad-*data* personali 6

Il-kondiviżjoni ta' *data* personali ma' partijiet terzi 7

Is-sigurtà tad-*data* personali 7

Iż-żamma ta' *data* personali 8

Reviżjonijiet għall-Politika ta' Privatezza tal-Aġenzija 8

Definizzjonijiet 10

# POLITIKA TA’ PRIVATEZZA TAL-AĠENZIJA

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija impenjata li tipproteġi l-privatezza, il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-*data* personali tiegħek.

Bħala kontrollur tad-*data*, l-Aġenzija hija responsabbli biex tiddeċiedi kif iżżomm u tuża d-*data* personali tiegħek u biex tinnotifikak bl-informazzjoni f’din il-Politika ta’ Privatezza.

Din il-Politika ta’ Privatezza tiddeskrivi:

- liema *data* personali dwarek l-Aġenzija tiġbor u tuża waqt u wara r-relazzjoni tax-xogħol tiegħek, u għaliex u kif tagħmel dan;
- ma’ min l-Aġenzija tista’ taqsam din id-*data*;
- għal kemm żmien l-Aġenzija żżomm din id-*data*.

Dan huwa f’konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR). Din il-Politika ta’ Privatezza tapplika għall-individwi kollha li jaħdmu *mal*-Aġenzija u *għaliha*. Individwi li jaħdmu *mal*-Aġenzija jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, studenti, familji, esperti u rappreżentanti tal-pajjiżi. Individwi li jaħdmu *għall*-Aġenzija jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dawk ikkuntrattati mill-Aġenzija, bħall-membri tat-timijiet tal-Aġenzija u l-konsulenti.

Huwa importanti li inti taqra u tifhem din il-politika. Jekk għandek xi mistoqsijiet jew ma tifhimx bi sħiħ din il-politika, jekk jogħġbok staqsi lill-Grupp ta’ Ħidma tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali (privacy@european-agency.org) għal aktar informazzjoni.

Din hija traduzzjoni ta’ test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta’ dubju dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

## Il-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* personali

L-Aġenzija tikkonforma mal-GDPR. Dan ifisser li d-*data* personali li l-Aġenzija żżomm dwarek trid:

- tintuża b’mod legali, ġust u trasparenti;
- tinġabar biss għal skopijiet validi li l-Aġenzija tkun spjegatlek b’mod ċar u ma tintużax b’xi mod li mhuwiex kompatibbli ma’ dawn l-iskopijiet;
- tkun rilevanti għall-iskopijiet li l-Aġenzija tkun qaltlek dwarhom u limitata biss għal dawn l-iskopijiet;
- tkun preċiża u aġġornata;

- tinżamm biss għaż-żmien meħtieġ għall-iskopijiet li l-Aġenzija tkun qaltlek dwarhom;
- tinżamm b'mod sigur.

## Id-drittijiet tiegħek

L-Aġenzija se tosserva d-drittijiet legali tiegħek fir-rigward tad-*data* personali miġbura dwarek. Dawn jinkludu d-drittijiet tiegħek li:

- taċċessa d-*data* personali tiegħek;
- tikseb informazzjoni dwar il-mod kif tinħażen id-*data* personali tiegħek;
- tikkoreġi *data* personali mhux preċiża dwarek jew titlob li tiġi kkoreġuta;
- titlob li d-*data* personali tiegħek titneħħa jew titħassar b'mod sigur meta ż-żamma tagħha ma tibqax meħtieġa għall-iskopijiet definiti;
- toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek;
- tagħżel li d-*data* personali tiegħek ma tiġix maqsuma ma' partijiet terzi;
- tirtira l-kunsens;
- titlob li d-*data* personali tiegħek tiġi trasferita lil parti oħra.

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lil privacy@european-agency.org jekk tkun tixtieq:

- tirrieżamina, tivverifika, tikkoreġi d-*data* personali tiegħek jew titlob li titħassar;
- toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek;
- tagħżel li d-*data* personali tiegħek ma tiġix maqsuma ma' partijiet terzi;
- tirtira l-kunsens;
- tagħmel ilment.

Jekk tagħżel li d-*data* personali tiegħek ma tiġix maqsuma ma' fornituri terzi jew toġġezzjona għall-ipproċessar mill-Aġenzija tad-*data* personali tiegħek, dan jista' jaffettwa l-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq ir-relazzjoni tax-xogħol tagħha miegħek (pereżempju li tħallsek jew tipprovdik b'benefiċċju) jew jista' jipprevjeni lill-Aġenzija milli tikkonforma mal-obbligi legali tagħha.

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew tħassib dwar l-ipproċessar tad-*data* tiegħek jew tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont il-liġi applikabbli, ikkuntattja lil privacy@european-agency.org.

## L-obbligi tiegħek

L-Aġenzija tagħmel kull sforz biex iżżomm id-*data* personali preċiża, kompluta u aġġornata (pereżempju, id-dettalji ta' kuntatt privati u/jew tax-xogħol). L-Aġenzija tiddependi fuqek biex tinformaha dwar bidliet fid-*data* personali tiegħek.

Jekk, waqt ir-relazzjoni tax-xogħol tiegħek mal-Aġenzija jew għaliha, inti tiġi f'pussess ta' kwalunkwe *data* personali li mhix strettament meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti/tas-servizzi tiegħek, inti għandek tħassarha minnufih. Jekk ikollok dubju, ikkuntattja lill-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-*Data* Personali (privacy@european-agency.org).

**"Agency Data Protection Code of Practice" [Kodiċi ta' Prattika tal-Aġenzija għall-Protezzjoni tad-*Data*]**

L-Aġenzija tistinka biex tipproteġi d-*data* ta' kull min jaħdem magħha jew għaliha. Sabiex tagħmel dan, din timpenja ruħha biex tinforma u teduka lil dawk li jaħdmu għall-Aġenzija dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data,* u li tgħinhom fejn ikun meħtieġ. L-"Agency Data Protection Code of Practice" huwa dokument intern li jagħti l-passi li jrid jieħu kull min jaħdem għall-Aġenzija biex jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-*data*. L-Aġenzija se tindirizza kwalunkwe ksur mhux intenzjonat tal-"Agency Data Protection Code of Practice" każ b'każ, b'attenzjoni fuq l-evitar ta' inċidenti simili fil-futur.

## Tipi ta' *data* personali li l-Aġenzija tista' żżomm

Skont iċ-ċirkostanzi tar-relazzjoni/tal-kollaborazzjoni tax-xogħol tiegħek mal-Aġenzija, din tal-aħħar tista' tiġbor, taħżen u tuża *data* personali dwarek minn waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:

- Id-dettalji ta' kuntatt (li jinkludu l-isem sħiħ, l-indirizz, in-numri tal-mowbajl, l-indirizzi tal-email – kemm privati kif ukoll relatati max-xogħol)
- Id-*data* personali (li tinkludi d-data tat-twelid, il-ġeneru, l-istat ċivili, in-nazzjonalità, in-numri tal-ID u l-ħtiġijiet ta' aċċessibilità/dijetetiċi)
- Informazzjoni dwar is-salarju (li tinkludi r-rekords tal-pagi, informazzjoni fiskali u informazzjoni dwar il-benefiċċji)
- Id-dettalji tal-kont tal-bank (pereżempju, għall-pagamenti tat-tariffi jew ir-rimborż tal-ivvjaġġar)
- Ir-rekords tal-impjieg (li jinkludu d-data tal-bidu, il-post tax-xogħol, it-titoli tal-impjieg, l-istorja tal-impjiegi, is-sigħat tax-xogħol, ir-rekords tat-taħriġ, il-vaganzi/liv, l-assenzi, id-dettalji tal-kuntratt)
- L-informazzjoni dwar ir-reklutaġġ (li tinkludi l-curriculum vitae, ir-referenzi)

- L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni
- L-informazzjoni dwar miżuri dixxiplinari u lmentar
- Ritratti, vidjows u reġistrazzjonijiet tal-awdjo relatati max-xogħol
- Id-dettalji tal-kuntatt ta' emerġenza
- Ir-rekord kriminali.

F'ċirkostanzi limitati u biss meta jkun meħtieġ mil-liġi, l-Aġenzija tista' titlob il-kunsens tiegħek bil-miktub sabiex tkun tista' tipproċessa "kategoriji speċjali" ta' *data* personali aktar sensittiva. Din tista' tkun *data* dwar problemi tas-saħħa. F'dan il-każ, l-Aġenzija se tagħtik dettalji sħaħ tal-informazzjoni li teħtieġ u għaliex teħtieġha, sabiex inti tkun tista' tqis sew jekk tagħtix il-kunsens tiegħek.

## Il-ġbir tad-*data* personali tiegħek

L-Aġenzija tista' tiġbor id-*data* personali tiegħek b'diversi modi. Dan jinkludi direttament mingħandek jew minn sors ieħor fejn id-*data* personali tiegħek hija disponibbli għall-pubbliku.

Fil-każ ta' reklutaġġ, l-Aġenzija tista' tiġbor ukoll id-*data* personali tiegħek minn aġenzija tal-impjieg, negozju tal-impjieg jew minn partijiet terzi, inklużi l-impjegaturi preċedenti tiegħek (referenzi).

## L-iskopijiet ta' pproċessar tad-*data* personali

L-Aġenzija tipproċessa d-*data* personali għall-iskopijiet ġenerali li ġejjin:

- biex tidentifika persuni li jaħdmu mal-Aġenzija u għaliha;
- biex tikkomunika ma' persuni li jaħdmu mal-Aġenzija u għaliha;
- biex tikkonforma mar-rekwiżiti tar-riżorsi umani (pereżempju, reklutaġġ, impjieg, ġestjoni tal-prestazzjoni, tagħlim u żvilupp, amministrazzjoni tal-pagi, kumpens u benefiċċji);
- biex tikkonforma mar-regolamenti legali, inkluż il-konformità mat-talbiet tal-awtoritajiet tal-gvern għal informazzjoni u l-konformità fiskali;
- biex tappoġġja r-relazzjoni tax-xogħol mal-Aġenzija;
- biex tikkonforma mar-regolamenti esterni/interni dwar ir-rapportar u l-awditjar.

L-Aġenzija xi kultant jista' jkollha bżonn tipproċessa d-*data* personali għal skop li ma jkunx ġie kkunsidrat oriġinarjament fiż-żmien meta d-*data* tkun inġabret. F'dawn il-każijiet, l-

Aġenzija se tinnotifikak dwar dan l-użu l-ġdid qabel ma tipproċessa d-*data* personali tiegħek.

**Bażijiet legali għall-ipproċessar tad-*data* personali**

L-Aġenzija tiddependi fuq il-bażijiet legali li ġejjin għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont il-GDPR:

- *Data* personali ġenerali: l-Artikolu 6(1)
- *Data* personali sensittiva: l-Artikolu 9(2)
- Ir-rekord kriminali: l-Artikolu 10.

## Il-kondiviżjoni ta' *data* personali ma' partijiet terzi

L-Aġenzija jista' jkollha taqsam id-*data* personali tiegħek ma' partijiet terzi. L-Aġenzija teħtieġ li l-partijiet terzi jirrispettaw is-sigurtà tad-*data* personali tal-individwi u li jittrattawha skont il-liġi.

L-Aġenzija tista' taqsam id-*data* personali tiegħek ma' partijiet terzi fejn dan huwa meħtieġ mil-liġi (pereżempju, awdituri, awtoritajiet tat-taxxa, eċċ.), fejn dan huwa meħtieġ għall-amministrazzjoni tar-relazzjoni tax-xogħol ma' persuni li jaħdmu mal-Aġenzija jew għaliha jew fejn l-Aġenzija ikollha interess leġittimu ieħor biex tagħmel dan.

Il-partijiet terzi jinkludu fornituri ta' servizzi terzi. L-attivitajiet li ġejjin jitwettqu minn fornituri ta' servizzi terzi: il-ħruġ tal-pagi, il-provvista u l-amministrazzjoni tal-benefiċċji, is-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), is-servizzi tal-ivvjaġġar u s-servizzi ta' reklutaġġ.

Il-fornituri ta' servizzi terzi kollha tal-Aġenzija huma obbligati kuntrattwalment biex jieħdu miżuri ta' sigurtà xierqa biex jipproteġu d-*data* personali f'konformità mal-politiki tal-Aġenzija. L-Aġenzija ma tippermettix lill-fornituri ta' servizzi terzi tagħha jużaw id-*data* personali għall-iskopijiet proprji tagħhom. L-Aġenzija tippermettilhom biss jipproċessaw *data* personali għall-iskopijiet speċifikati u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha.

L-Aġenzija tista' taqsam ukoll id-*data* personali tiegħek ma' partijiet terzi, bħal lukandi, ristoranti, eċċ., fir-rigward tal-parteċipazzjoni tiegħek fl-attivitajiet tal-Aġenzija (pereżempju, laqgħat u avvenimenti). L-Aġenzija se titlob lil dawk il-partijiet terzi jiddokumentaw il-konformità tagħhom mal-GDPR.

## Is-sigurtà tad-*data* personali

L-Aġenzija hija impenjata li tipproteġi d-*data* personali li tiġbor dwarek kontra r-riskji ta' telf jew użu jew aċċess mhux awtorizzat. Din implimentat kontrolli tekniċi, fiżiċi u amministrattivi raġonevoli u xierqa biex tipproteġi d-*data* personali tiegħek.

B'mod ġenerali, l-aċċess għad-*data* personali huwa ristrett għal persuni li jaħdmu għall-Aġenzija li għandhom bżonnha għall-iskopijiet imniżżla f'din il-Politika ta' Privatezza jew fejn huwa meħtieġ għal raġuni oħra mil-liġi. Dan jinkludi membri tal-maniġment tal-Aġenzija, id-Dipartimenti tar-Riżorsi Umani u tal-Finanzi. Jista' jingħata aċċess limitat għal informazzjoni strettament meħtieġa lil persuni oħra li jaħdmu għall-Aġenzija, pereżempju biex jappoġġjaw ix-xogħol tiegħek mal-Aġenzija u għaliha u l-parteċipazzjoni tiegħek fl-attivitajiet, il-laqgħat, eċċ. tal-Aġenzija.

L-Aġenzija tista' tiżvela *data* personali biex tipproteġi l-interessi vitali tal-persuni li jaħdmu mal-Aġenzija jew għaliha (bħal b'rispons għal inċident tas-sigurtà jew lil ħaddiema mediċi fil-każ ta' emerġenza ta' theddida għall-ħajja), biex tipproteġi l-interessi leġittimi tal-Aġenzija (bħas-sigurtà tal-IT u tan-networks) jew jekk l-Aġenzija tqis li l-iżvelar huwa neċessarju biex tikkonforma mal-obbligi legali applikabbli.

L-Aġenzija għandha proċeduri fis-seħħ biex tittratta kwalunkwe ksur tas-sigurtà tad-*data* suspettat. L-Aġenzija se tinnotifika lilek u lil kwalunkwe regolatur applikabbli bi kwalunkwe ksur suspettat fejn hija legalment meħtieġa tagħmel dan.

## Iż-żamma ta' *data* personali

L-Aġenzija se żżomm id-*data* personali tiegħek biss għaż-żmien meħtieġ biex tissodisfa l-iskopijiet li għalihom din tkun inġabret. Dan jinkludi s-sodisfazzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit legali, ta' kontabbiltà jew ta' rapportar. Sabiex tiddetermina l-perjodu xieraq ta' żamma għad-*data* personali, l-Aġenzija tikkunsidra:

- l-ammont, in-natura u s-sensittività tad-*data* personali;
- ir-riskju potenzjali ta' ħsara minn użu jew żvelar mhux awtorizzat tad-*data* personali;
- l-iskopijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali u jekk l-Aġenzija tistax tikseb dawk l-iskopijiet b'mezzi oħra;
- ir-rekwiżiti legali applikabbli.

Għad-durata tar-relazzjoni tax-xogħol tiegħek mal-Aġenzija jew għaliha, id-*data* personali tiegħek se tiġi pproċessata skont din il-Politika ta' Privatezza.

Ladarba ma tkunx għadek taħdem mal-Aġenzija jew għaliha u ma jibqax neċessarju li tinżamm id-*data* personali tiegħek, l-Aġenzija se teqred id-*data* b'mod sigur.

## Reviżjonijiet għall-Politika ta' Privatezza tal-Aġenzija

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li taġġorna din il-Politika ta' Privatezza fi kwalunkwe ħin. L-Aġenzija mhux se tnaqqas id-drittijiet tiegħek skont din il-Politika ta' Privatezza jew skont il-liġijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-ġuriżdizzjonijiet fejn topera l-Aġenzija.

Jekk il-bidliet għall-Politika ta’ Privatezza huma sinifikanti, l-Aġenzija se tipprovdi avviż aktar prominenti meta tkun meħtieġa tagħmel dan mil-liġi applikabbli. Jekk jogħġbok irrevedi din il-Politika ta’ Privatezza minn żmien għal żmien biex tibqa’ aġġornat dwar kwalunkwe bidla.

## Definizzjonijiet

### *Data* personali

"*Data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-*data*"); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, data ta' lokalizzazzjoni, identifikatur online jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika (l-Artikolu 3(1), ir-Regolament (UE) 2018/1725).

### Kategoriji speċjali ta' *data* personali

"Kategoriji speċjali" ta' *data* personali jinkludu *data* sensittiva li tikkonċerna l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, *data* ġenetika, *data* bijometrika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika (l-Artikolu 9, GDPR).

MT

www.european-agency.org